# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2609

Każ numru 3445/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

XXXX
u
YYYY

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: James Henry Pearsall**

**Illum : 15 ta' Lulju, 2019**

**(1) Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentat minn XXXX, fir-Reġistru tal-Qorti Superjuri nhar id-29 ta' Jannar 2016 fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kinitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta).

Min-naha tal-YYYY, fir-risposta taghha tas-6 t'April, spjegat kif wara sensiela ta' proceduri ta' dixxiplina s-Sur XXXX gie tterminat u dan sar ghal raguni gusta u sufficjenti, u ghalhekk tichad it-talbiet tieghu fl-intier taghhom ai termini tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ippreżentati miż-żewġ partijiet, żamm sittax (16) -il seduta, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa in konsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-Liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba miz-zewg partijiet kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**(2) Ir-rapprezentanza:**

XXXX li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent u li kien assistit mill-Avv. Dr Andrew Grima

YYYY li min issa ‘l quddiem ser tissejjah is-socjeta’ ntimata kienet rapprezentata mill-Avv. Dr Thomas Bugeja u mill-Avv. Dr Paul Gonzi.

**(3) Il-fatti tal-kaz fil qosor:**

Is-Sur XXXX kien impjegat bhala xufier tal-karozzi tal-linja fid-9 ta’Jannar tal-2013. Ir-rikorrent kien ghadda sensiela ta’ proceduri ta’ dixxiplina kif ukoll fl-ahhar kaz, li kien meqjus mis-socjeta’ ntimata bhala wiehed serju u gravi, u li tieghu nstab hati, r-rikorrent talab ghall-appell skont il-ftehim kollettiv tassocjeta’ ntimata. Il-Bord ta’ l-Appell ikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta’ Dixxiplina u ghaldaqstant l-impieg tieghu gie tterminat. Dan hu kkonfermat f’Dok MC1 formola tat-terminazzjoni tal-Jobsplus.

Is-socjeta’ ntimata, min-naha taghha tirritjeni li r-rikorrent kien gie mghoddi bord tad-dixxiplina fuq diversi akkuzi li finalment wasslu sabiex hu jinghata warning u f’qasir zmien rega gie moghti extended final warning sabiex jinghata l-opportunitajiet kollha biex jipprova jbiddel l-attitudni tieghu, izda dan ma rrizultax, ghalhekk is-socjeta’ ntimata ma kellhiex triq ohra hlief li tittermina l-impjieg tar-rikorrent.

**(4) Lista ta’ xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent ( lista annessa mar-rikors datat 29/01/2016)
**4.2** Xhieda mressqa mis-socjeta’ ntimata ( lista annessa mar-risposta datata 6/04/2016)

**(5) Lista ta’ dokumenti:**

Gew ipprezentati numru ta’ dokumenti:
Min-naha tar-rikorrent Dok MC1; MCI;MC2;MC5;MCX1;MCX2;MCX3 Min-naha tas-socjeta’ ntimata Dok JS1;Dok JM1;Dok RB1 u Dok minn 1 sa 10.

**(6) Gabra fil-qosor tax-xhieda** :

**Rachel Galea HR Executive:** Fix-xiehda taghha spjegat kif ghal diversi drabi mhux biss inghata twissijiet izda gie anke mtella Bord ta’ Dixxiplina fejn inghata c-cans li jkollu rapprezentant mieghu. Hu kien inghata final warning.

**“** *Effetivament imbaghad, apparti li kien suppost on final warning, ll-kumpanija regghat taghtu cans iehor, estendiet il-final warning, taghtu wkoll granet sospensjoni bla hlas,wara li ghal darba ohra kien hemm”*
*(Sed 7/12/2016 pag3)*

*“ _______________ Jigifieri ahna ma Mr.Camilleri konna qeghdin nippruvaw nigbdulu l-attenzjoni biex jirranga l-attitudni u l-agir tieghi”*
*“ naturalment,iva, fuq l-ahhar charge ergajna tajnih a fair hearing, gie jigifieri anke fl-Avukat.”* (Pag 6).

**Avv Andrew Grim:a mistoqsija, "***U x'kienet ir-raguni ghalfejn kontu zammejtuh in employment b'extended final warning? Tajtuh final warning, ghamel xi haga ohra u tajtuh extended final warning"*
**Rachel Galea HR executive: "***Biex inkun onesta mieghek jekk niftakar sewwa l-policy tal-kumpanija lanqas kienet ittina extended final warning*"(Rif Sed 8/10/2018 pag2).
**Avv Andrew Grima : "** *Ezatt. Mela ghalfejn kontu krejajtu din l-eccezzjoni***?".**
**R.C:** *"______________________.Pero ghandi nifhem illi saret in goodwill fis-sens illi bdejna naghtu cans terga naqraiktar biex dak li jkun jirriforma ruhu." (pag 2)*

**XXXX:** *"Jiena ma kontx fil-laqgha, li gie mgharraf lili li gie esstendiet il-final warning"* (Sed22/02?20117 pag 13).
*" Imma appellajnieha ghax ma qbiltx maghha, dik kien il-process li naghmel appell"(pag 13)*
*" Imma appellajnieha ghax ma qbiltx maghha, dik kien il-process li naghmel appell" (* pag 13).

**Avv Paul Gonzi:** *" Int qed tghid appelajt ghax qatt ma inghatajt ghax qatt ma inghatajt warning??"*
**Rikorrent:** *" Tawni final warning fil-kelma" (pag 14)*
**Avv Paul Gonzi:** *"Jigifieri skont int qed tghid li dak li hemm imnizzel fil-lista qabel il-final warning, int ma kontx taf bih? Dak li qed tghid?".*
**Rikorrent;** *" ezatt, zomm naf bl-affarijiet pero ma nafx bil-warning" (pag 17).*

**Joseph Siminiana:** *" __________meta konna rajnieh bil-kaz, fil-presenza ta Joe Sghendo (rapprezentant ta ' l-union) ahna konna ghidnilhu li dan ser jispicca bla xoghol u meta talabna li dan , biex inzommuh filpost tax-xoghol, tajnieh extended warning of 12 months plus 4 days unpaid suspension". (Sed22/02/2017 pag 3).*
**J.S:** *" Kellna hearing iehor wara l-extended final warning, ergajna telghajnieh biccharges,_______________' xaghrejn kienu ghaddew biss" (pag 5).*

**Ghall mistoqsija tac-Chairman** :" X'gara ? X'irrizulta?".
**Xhud rikorrenti***: "Irrizulta_ Hawnhekk ma nafx x'kien irrizulta.* ***Ghandidkun*** *kien tani warning".*
"*Ma niftakarx li kien irrizulta xi haga.* ***Ghandikun*** *kien ta' written warning u ma kontx accettajtu"*. (Sed 29/01/2018 pag 3;4).

**(7) Trattazzjoni Finali**:

**L-Avv Andrew Grima ghar-rikorrent:**
Mis-sottomissjonijiet li ressaq ir-rikorrent gie elenkat kif is-socjeta' ntimata, filwaqt li kellha problema flingagg ta' xufiera min-naha l-ohra kienet qed taddotta kultura ta' warnings mahruga bl-addocc minhabba li ma kinitx kuntenta bix-xufiera li kienu gejjin mill-kumpanija Arriva u li r-rikorrent kien wiehed minnhom. Gie ukoll riferut kaz ta' tkeccija ta' ex impjegat tas-socjet'a ntimata fejn it-Tribunal irrimarka x'jirrizulta meta

kumpanija tkecci persuna u li meta c-cirkustanzi la ikunu gusti aktar u aktar il-fatti ma jkunux konkreti ghaldaqstant ikollu jithallas prezz.
Gew elenkati sensiela ta' akkuzi li r-rikorrent isostni li dawn kienu biss allegazzjonijiet mhux ippruvati u li minhabba dawn l-akkuzi hu gie imkecci ngustament.

**L-Avv Thomas Bugeja ghas-socjeta' ntimata:**
Mis-sottomissjonijiet li ressqet is-socjeta' ntimata gew elenkati numru ta' kazi li gew riferuti biddokumentazzjoni fir-rikors promotorju. Dawn il-kazi kienu segwiti kemm b'warnings li saru bi ftehim, kif ukoll anke b'kastigi li minn zmien ghal zmien gew implimentati mis-socjeta' ntimata.(Rif final warnings u extended final warnings li rrizultaw f'sospensjoni fol 51 tal-process).
Saret riferenza ghall-ahhar letter of charge datata 26 t'Awwissu li fiha kienu identifikati numru ta' akkuzi. Gie indikat il-kaz partikulari fejn issemma l-uzu ta' email address tar-rikorrenti u x'ghamlet is-socjeta' ntimata dwar dan il-kaz.
Riferenza ghax-xiehda tar rikorrent

*" Le ghidli fejn, Hawnhekk jien mhu qed nara xejn hlief dhlatu fuq il-page tieghi illegalment nahseb…"*

"**Jekk dhaltu tirrisetjaw password, tieghi ija______**" **L-Avv T. Bugeja** *"Mela tieghu sur Chairman"*

Is-socjeta' ntimata sostniet li r-rikorrent naqas sew milli jikkoregi kemm l-agir tieghu, milli jindirizza lattitudni u milli jaghraf il-konsegwenzi li seta' jsofri fin-nuqqas illi ma jirretifikax l-agir tieghu fuq il-post taxxoghol____,

**(8) Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal f'dan il-kaz hares lejn zewg aspetti

(1) L- akkuzi tal -kaz per se u l-kundanna li ghazlet il-kumpanija; dik ta' terminazzjoni mill-impjieg.
(2) L–osservanza tal-ftehim kollettiv fejn tidhol procedura ta' dixxiplina.

It-Tribunal meta evalwa x-xiehda moghtija, nkluza dik ta' dokumentazzjoni sottomessa, sab minghajr lebda dubju li r-rikorrent kiser ir-regolamenti tal-kumpanija u ghaldaqstant jikkonferma dak li qalu z-zewg Bordijiet li mexxew il-proceduri ta' dixxiplina, fejn irrizulta li r-rikorrent gie moghti forom ta' kastigi.
It-Tribunal Industrijali huwa marbut li fejn hemm proceduri ta' dixxiplina riferuti fil-ftehim kollettiv, dawn iridu jigu osservati miz-zewg partijiet. It-Tribunal jikkonferma li fil-kaz odjern dawn il-proceduri gew osservati min-naha tas-socjeta' ntimata fejn ir-rikorrent gie moghti smiegh xieraq bl-assistenza tarrapprezentant tal-Union tieghu. (Rif Sed 22/02/2017 pag 15 ). Ir-rikorrent wara li nstab hati mill-Bord tadDixxiplina mar ukoll quddiem Bord ta' l-Appell fejn id-decizjoni moghtija giet ikkonfermata. Din id-decizjoni ttiehdet meta r-rikorrent kien diga nghata **Final warning**, li kien igib mieghu terminazzjoni mill-impieg, u li tali decizjoni kienet inbidlet f'wahda ta' Extended Final warning ghal perjodu ta' tnax (12) –il xahar. Gara l-fatt li f'temp qasir hu rega gie mressaq Bord ta' Dixxiplina u ghaldaqstant is-socjeta' ntimata ma kellhiex triq ohra hlief li titterminalu l-impjieg, u dan skont termini fil-ftehim kollettiv.

It-Tribunal Industrijali ha konjizzjoni tan-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fejn saru riferenzi ghas-sitwazzjoni hekk imsejjha prekarja li kellha s-socjeta' ntimata sabiex isib impjegati (xufiera) godda u n-numru ta' kwistjonijiet tax-xoghol li tressqu quddiem it-Tribunal Industrijali, minn diversi mpjegati. ItTribunal irid ikun car li kull kaz irid jitqies biss fuq il-mertu tieghu u ghaldaqstant il-paragun jista' jsir biss ma' kaz veru simili ghal dak odjern u mhux ghax is-socjeta kellha numru ta' kazi quddiem it-Tribunal Industrijali. L-ghan ewlieni tat-Tribunal hu li jaghrbel u jizen ix-xiehda tal-fatti tal-kaz li jkollu quddiemu skond ix-xiehda tal-fatti kif prezentati, u mhux jibbaza d-decizjoni tieghu fuq kemm kien hemm kazi. **(ponderantur non numernantur).** It-Tribunal irid jaghmel distinzjoni bejn il-kaz riferut mir-rikorrent lissocjeta' ntimata kellha ma' terzi, u li dak ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan il-kaz odjern.

It-Tribunal Industrijali innota li minn dokument ipprezentat mis-socjeta' ntimata (Dok JS1) juri li r-rikorrent kellu sensiela ta' nuqqasijiet frekwenti u ripetuti li minhabba f'hekk kien inghata written warnings, final written warnings kif ukoll extended final written warnings b'sospensjoni ta' erbat'ijiem li gew maqbula mar-rapprezentant tal-Union tieghu.(Dok MTP 4) 22/02/2017; pag 3).

It-Tribunal Industrijali nnota ukoll li fil-mori ta' dan il-process issir riferenza ghal zewg affidavits (Doc JM1; Doc RB1) li jikkonfermaw nuqqasijiet varji li kien ikkometta r-rikorrent matul perjodu ta' zmien.

Dan qieghed jigi osservat mit-Tribunal f'kuntest li s-socjeta' ntimata uriet, permezz tal-proceduri taghha, t-triq sabiex ir-rikorrent seta' jbiddel l-attitudni u l-imgieba tieghu fuq il-post tax-xoghol. Ghaldaqstant, itTribunal filwaqt li jillimita ruhu fil-kunsiderazzjoni tat-twissijiet precedenti, u li z-zmien taghhom gie preskritt, ma jistax jinjora l-kuntest kollu tad-dixxiplina mposta fuq ir-rikorrent.(Auguste Noel Ltd vs Curtis 1990 IRLR 326 EAT). It-Tribunal irrid jaghraf id-distintinzjoni meta s-socjeta' ntimata ghandha tkun generuza ma' l-impjegati taghha kontra meta ma tkunx ragonevoli. (Kraft Foods vs Fax 1976 IRLR3) It-Tribunal Industrijali ma jistax ma japprezzax l-imgieba ripetuta tas-socjeta' ntimata, fejn mat-twissijiet taghha, kienet tigbed l-attenzjoni li r-ripetizzjoni tan-nuqqasijiet ser iwasslu ghat-terminazzjoni millimpjieg, kif ukoll li ghal numru ta' drabi tat cans lir-rikorrent sabiex ibiddel l-attitudni tieghu.

It-Tribunal osserva wkoll mix-xiehda tar-rikorrent li ghal bosta drabi wera inkonsistenzi anke fuq il-fatti li kien jaf bihom.

**(9) Decizjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u ddokumenti kollha, kif ukoll ħa in kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, fehem u gharaf li dan kien każ fejn is-socjeta' ntimata fic-cirkustanzi difficli ghal reklutagg ta' haddiema bhala xufiera, kellha taddotta sistema generuza mar-rikorrent billi taghtu numru ta' twissijiet, ghall diversi nuqqasijiet, li rrizulta li kienu ineffettivi u finalment wasslu lir-rikorrent, li anke wara twissija finali estiza, rega naqas minn dmirijietu u ma halliex triq ohra lis-socjeta' ntimata, hlief li jigi tterminat l-impieg tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni mill-impjieg kienet wahda gusta u skont il-Ligi.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet flammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : James Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja